



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2013/0165(COD)

4.2.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE (COM(2013)0316 – C7-0174/2013 – 2013/0165(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Axel Voss

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Din il-proposta tipprevedi introduzzjoni obbligatorja ta' sistema eCall immuntata fil-vettura f'vetturi ġodda ta' tip approvat fl-Ewropa. Tiffirma parti minn sett ta' atti legali tal-UE li sal-1 ta' Ottubru 2015 iridu jiżguraw l-iskjerament tas-servizz tal-eCall ibbażat fuq in-numru 112. Għaldaqstant, timplika bosta obbligi indirizzati lill-manifatturi tal-vetturi/tagħmir. Flimkien mas-servizz tal-eCall ibbażat fuq in-numru 112, servizzi tal-eCall addizzjonali jew ta' valur miżjud jistgħu jiġu offruti lill-utenti għal skopijiet differenti.

Il-forniment tas-servizzi tal-eCall huwa bbażat fuq l-ipproċessar ta' kategoriji differenti ta' dejta personali (eż. l-identifikazzjoni tal-karozza, il-lok tal-vettura, l-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura, l-identità tas-sid, eċċ.). Għaldaqstant dan l-ipproċessar huwa soġġett għal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta, jiġifieri d-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE (id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika) sabiex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-individwi.

Din l-opinjoni għandha l-għan li taċċerta li l-istrument legali li fl-aħħar se jiġi adottat jiżgura konformità sħiħa mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta stabbiliti fid-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE. L-emendi proposti jieħdu kont tal-opinjoni u l-ħidmiet tal-Awtoritajiet Ewropej għall-Protezzjoni tad-Dejta, b'mod partikolari l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 li fil-passat ħadem b'mod attiv mal-partijiet interessati sabiex joħroġ diversi rakkomandazzjonijiet rigward l-iskjerament tas-sistemi eCall.

Ir-Rapporteur iqis li hu importanti li ssir distinzjoni bejn eCall ibbażata fuq in-numru 112 u eCall addizzjonali possibbli privata jew b'valur miżjud. Fid-dawl tal-aspetti relatati mal-protezzjoni tad-dejta, iż-żewġ sistemi għandhom jiġu trattati b'mod differenti. L-eCall 112 għandha tiġi attivata b'mod prestabbilit u għandha tiffunzjona mingħajr il-kunsens mogħti minn qabel mis-suġġett tad-dejta. Is-sistema għandha tkun inattiva u d-detezzjoni m'għandhiex tkun possibbli. Meta tiġi attivata, għandha titrażmetti biss sett minimu ta' dejta li hemm riferiment espliċitu għalih fl-istandard MSD (EN 15722), u għandha timxi skont il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-fini.

Fir-rigward tal-eCall privata jew ta' valur miżjud, ir-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-dejta huma differenti. L-ipproċessar tad-dejta personali għandu jiddependi mill-kunsens mogħti minn qabel mis-suġġett tad-dejta jew mill-konklużjoni ta' kuntratt dwar l-użu ta' din id-dejta bejn il-kontrollur u s-suġġett tad-dejta. Iridu jingħataw identifikazzjoni u informazzjoni ċari dwar is-suġġett tad-dejta.

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Is-sistema eCall immuntata fil-vettura u bbażata fuq in-numru 112 hija servizz ta' interess ġenerali u għalhekk għandha tkun liberament aċċessibbli, jiġifieri mingħajr ħlas. L-ispejjeż għas-sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112 ma jistgħux jiġu trasferiti lill-konsumaturi.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Il-provvista ta' informazzjoni preċiża u affidabbli dwar il-pożizzjonament hija element essenzjali tat-tħaddim effettiv tas-sistema eCall immuntata fil-vettura. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi meħtieġa l-kompatibbiltà tagħha mas-servizzi provduti bil-programmi ta' navigazzjoni bis-satellita, li jinkludu s-sistemi stabbiliti skont il-programmi Galileo u EGNOS stipulati fir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi

(6) Il-provvista ta' informazzjoni preċiża u affidabbli dwar il-pożizzjonament **f'każ ta' emerġenza** hija element essenzjali tat-tħaddim effettiv tas-sistema eCall immuntata fil-vettura. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi meħtieġa l-kompatibbiltà tagħha mas-servizzi provduti bil-programmi ta' navigazzjoni bis-satellita, li jinkludu s-sistemi stabbiliti skont il-programmi Galileo u EGNOS stipulati fir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni

Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)⁸.

ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)⁸.

⁸ ĠU L 196, 24.7.2008, p.1.

⁸ ĠU L 196, 24.7.2008, p.1.

Ġustifikazzjoni

Din hija kjarifika li informazzjoni dwar il-pożizzjonament għandha tinġabar biss għal skopijiet ta' salvataġġ f'każ ta' emerġenza.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) It-tagħmir obligatorju tal-vetturi bis-sistema eCall immuntata fil-vettura għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet interessati kollha bħall-manifatturi tal-karozzi u l-operaturi indipendenti li joffru servizzi addizzjonali ta' emerġenza u/jew ta' valur miżjud, b'mod parallel ma' jew li jkomplu jibnu fuq is-sistema eCall immuntata fil-vettura u bbażata fuq in-numru 112. Madankollu, dawn is-servizzi addizzjonali għandhom jiġu mfassla b'tali mod li ma jtellfux lis-sewwieq.

Emenda

(8) It-tagħmir obligatorju tal-vetturi bis-sistema eCall immuntata fil-vettura għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet interessati kollha bħall-manifatturi tal-karozzi u l-operaturi indipendenti li joffru servizzi addizzjonali ta' emerġenza u/jew ta' valur miżjud, b'mod parallel ma' jew li jkomplu jibnu fuq is-sistema eCall immuntata fil-vettura u bbażata fuq in-numru 112. Madankollu, dawn is-servizzi addizzjonali għandhom jiġu mfassla b'tali mod li ma jtellfux lis-sewwieq. ***Is-sistema eCall immuntata fil-vettura u bbażata fuq in-numru 112 u s-sistema li tipprovdi servizzi tal-eCall privati jew ta' valur miżjud għandhom ikunu teknikament separati b'mod li jippermetti wkoll li jkun hemm użu parallel kif ukoll separat. Dan biex is-sistemi ma jxekklux lil xulxin fil-funzjonijiet rispettivi tagħhom. In-nuqqas ta' użu ta' servizz tal-eCall privati jew b'valur miżjud jew ir-rifjut min-naħa tas-suġġett tad-dejta li jagħti l-kunsens biex iseħħ proċessar tad-dejta personali tiegħu jew tagħha għas-servizz m'għandhomx jaffettwaw ħażin l-użu tas-sistema eCall immuntata fil-vettura u bbażata fuq in-numru 112 pprovduta mill-manifattur jew***

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Sabiex tiġi żgurata għażla miftuħa għall-klijenti u kompetizzjoni ġusta, kif ukoll tithegġegħ l-innovazzjoni u **tiġi xprunata l-kompetittività** tal-industrija **teknoloġika tal-informazzjoni** tal-Unjoni **dwar is-suq dinji, is-sistema eCall immuntata fil-vettura għandha tkun aċċessibbli mingħajr ħlas u mingħajr diskriminazzjoni għall-operaturi kollha indipendenti u bbażata fuq pjattaforma interoperabbli u b'aċċess miftuħ għal applikazzjonijiet jew servizzi li fil-futur jistgħu possibbilment jiġu mmuntati fil-vettura.**

Emenda

(9) Sabiex tiġi żgurata għażla miftuħa għall-klijenti u kompetizzjoni ġusta, kif ukoll tithegġegħ l-innovazzjoni u **tingħata spinta lill-kompetittività** tal-industrija **tat-teknoloġija tal-informatika** tal-Unjoni **fis-suq dinji, sistemi eCall privati jew b'valur miżjud immuntati fil-vetturi għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tal-portabbiltà tad-dejta.**

Ġustifikazzjoni

L-aċċess miftuħ minn partijiet terzi għall-possibbiltajiet tekniċi ta' sistema eCall immuntata fil-vettura jgħib miegħu riskji sinifikanti fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta. Servizzi privati/servizzi b'valur miżjud, madankollu, għandhom ikunu konformi mal-prinċipju tal-portabbiltà tad-dejta, jiġifieri d-dritt li l-konsumatur jittrasferixxi d-dejta personali tiegħu minn servizz jew minn post wieħed għall-ieħor. B'hekk, il-konsumaturi jistgħu jibdlu s-servizzi privati/servizzi b'valur miżjud b'mod iktar faċli, u dan jgħin biex ikun hemmkompetittività iktar ġusta.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta'

Emenda

(13) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta'

data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data¹⁰ u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)¹¹ ***b'mod partikolari biex jiggarantixxi*** li l-vetturi mgħammra b'sistemi eCall ***mmuntati*** fil-vetturi, fl-istatus ta' operat normali tagħhom relatat mal-***eCall 112***, ma jkunux jistgħu jiġu traċċati, ***mhumix*** suġġetti għall-ebda detezzjoni kostanti u s-sett minimu ta' dejta mibgħut mis-sistema eCall immuntata fil-vettura jinkludi l-informazzjoni minima meħtieġa ***għat-trattar xieraq tas-sejħiet ta' emerġenza***.

⁹ 1609/06/MT – WP 125.

¹⁰ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

¹¹ ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data¹⁰ u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)¹¹, ***u l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirregolaw l-ipproċessar tad-dejta personali li jitwettaq fil-kuntest ta' dan ir-Regolament permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura, u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet pubbliċi indipendenti inkarigati mill-Istati Membri skont dawk id-Direttivi. Għandu jiġi garantit*** li l-vetturi mgħammra b'sistemi eCall ***immuntati*** fil-vetturi, fl-istatus ta' operat normali tagħhom relatat mal-***eCall ibbażata fuq in-numru 112***, ma jkunux jistgħu jiġu traċċati ***u ma jkunux*** suġġetti għall-ebda detezzjoni kostanti, ***li d-dejta personali tagħhom ma tinħażinx***, u li s-sett minimu ta' dejta mibgħut mis-sistema eCall immuntata fil-vettura ***jkun*** jinkludi l-informazzjoni minima meħtieġa meħtieġa ***biex is-sejħiet ta' emerġenza jiġu trattati kif xieraq. Ladarba jingħata l-kunsens mingħand is-suġġett tad-dejta jew isir kuntratt bejn iż-żewġ partijiet, jistgħu japplikaw kundizzjonijiet oħra għal sistema ta' sejħiet ta' emerġenza oħra installata fil-vettura flimkien mas-sistema eCall immuntata fil-vettura, iżda minkejja dan għandhom jikkonformaw ma' dawk id-Direttivi.***

¹⁰ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

¹¹ ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Dan ir-Regolament jieħu kont tar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fid-dokument ta' ħidma tiegħu dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-implikazzjonijiet tal-privatezza fl-inizjattiva tal-eCall, adottata fis-26 ta' Settembru 2006^{1a}.

^{1a} 1609/06/MT – WP 125.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni dwar is-sistema eCall immuntata fil-vettura, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' ċerti regoli ddettaljati dwar l-applikazzjoni tal-istandards rilevanti, l-ittestjar, il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza u l-eżenzjonijiet għal ċerti vetturi jew klassijiet ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, fit-tħejjija u fit-tfassil tal-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

(15) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni dwar is-sistema eCall immuntata fil-vettura, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' ċerti regoli ddettaljati dwar l-applikazzjoni tal-istandards rilevanti, l-ittestjar, il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza u l-eżenzjonijiet għal ċerti vetturi jew klassijiet ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, ***b'mod partikolari l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 stabbilit mid-Direttiva 95/46/KE.*** Il-Kummissjoni, fit-tħejjija u fit-tfassil tal-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja,

f'waqtha u adegwata tad-dokumenti
rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-
Kunsill

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-manifatturi tal-vetturi **għandu jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti** tekniċi **ta' dan ir-Regolament.**

Emenda

(16) **Huma u jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi, il-manifatturi tal-vetturi għandhom jintegraw il-forom tekniċi ta' protezzjoni tad-dejta fis-sistemi mmuntati fil-vetturi u għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tal-privatezza fid-disinn.**

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) **'kontrollur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li waħdu jew flimkien ma' oħrajn jiddetermina l-iskopijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-dejta personali; meta l-iskopijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu determinati mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi tal-Istati Membri, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jew tagħha jistgħu jiġu stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni jew bil-liġi tal-Istati Membri;**

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta

1. *F'konformità mad-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE*, il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi mgħammra bis-sistema eCall immuntata fil-vettura ma jistgħux jiġu traċċati u mhumiex suġġetti għal kwalunkwe detezzjoni kostanti meta jkunu fl-istatus ta' operat normali tagħhom relatat mal-eCall.

It-teknoloġiji li jtejbu l-privatezza għandhom jiġu inkorporati fis-sistema eCall immuntata fil-vettura sabiex jipprovdu lill-utenti tal-eCall bil-livell mixtieq ta' protezzjoni tal-privatezza, kif ukoll bis-salvagwardji neċessarji biex jipprevjenu s-sorveljanza u l-użu ħażin ta' din is-sistema.

2. Is-sett minimu ta' dejta mibgħut mis-sistema eCall immuntata fil-vettura għandu jinkludi biss l-informazzjoni minima meħtieġa sabiex is-sejħiet ***tal-emerġenza*** jiġu trattati kif xieraq.

Emenda

Regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta

-1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura għandu jikkonforma mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta personali stipulati f'dawk id-Direttivi.

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi mgħammra bis-sistema eCall immuntata fil-vettura ma jistgħux jiġu traċċati u mhumiex suġġetti għal kwalunkwe detezzjoni kostanti meta jkunu fl-istatus ta' operat normali tagħhom relatat mal-eCall.

It-teknoloġiji li jtejbu l-privatezza għandhom jiġu inkorporati fis-sistema eCall immuntata fil-vettura sabiex jipprovdu lill-utenti tal-eCall bil-livell mixtieq ta' protezzjoni tal-privatezza, kif ukoll bis-salvagwardji neċessarji biex jipprevjenu s-sorveljanza u l-użu ħażin ta' din is-sistema.

2. Is-sett minimu ta' dejta mibgħut mis-sistema eCall immuntata fil-vettura ***għandu jikkonsisti bħala massimu mill-informazzjoni mitluba mill-istandard "Sistemi ta' trasport intelliġenti – eSafety – sett minimu ta' dejta (MSD) għall-eCall" (EN 15722) b'mod partikolari l-attivazzjoni manwali jew awtomatika; klassi ta' vettura; tip ta' fjuwil użat; kronogramma; pożizzjoni eżatta; direzzjoni tas-sewqan; numru minimu ta'***

3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-utenti tal-eCall jiġu provduti b'informazzjoni ċara u komprensiva dwar l-ipproċessar tad-dejta li titwettaq permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura, b'mod partikolari dwar:

- (a) ir-referenza għall-bażi legali tal-ipproċessar;
- (b) il-fatt li s-sistema eCall immuntata fil-vettura tiġi attivata b'mod awtomatiku;
- (c) il-modalitajiet tal-ipproċessar tad-dejta li jitwettaq bis-sistema eCall immuntata fil-vettura;
- (d) l-għan tal-ipproċessar tal-eCall;
- (e) it-tipi ta' dejta miġbura u pproċessati u r-riċevituri ta' dik id-dejta;
- (f) il-limitu ta' żmien għaż-żamma tad-dejta fis-sistema mmuntata fil-vettura;
- (g) il-fatt li ma hemm l-ebda detezzjoni kostanti tal-vettura;

(h) il-modalitajiet għall-eżerċizzju tad-

ċinturini tas-sikurezza maqfula. L-ebda dejta addizzjonali ma tista' tintbagħat mis-sistema eCall immuntata fil-vettura. Is-sett minimu ta' dejta jista' jinħażen biss sakemm ikun meħtieġ sabiex is-sejħiet ta' emerġenza jiġu trattati kif xieraq u d-dejta għandha tinħażen f'tali format li jippermetti t-tħassir sħiħ tagħha.

3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-utenti tal-eCall jiġu provduti b'informazzjoni ċara u komprensiva dwar l-ipproċessar tad-dejta li titwettaq permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura, b'mod partikolari dwar:

- (a) ir-referenza għall-bażi legali tal-ipproċessar;
- (b) il-fatt li s-sistema eCall immuntata fil-vettura tiġi attivata b'mod awtomatiku;
- (c) il-modalitajiet tal-ipproċessar tad-dejta li jitwettaq bis-sistema eCall immuntata fil-vettura;
- (d) l-għan *speċifiku* tal-ipproċessar tal-eCall;
- (e) it-tipi ta' dejta miġbura u pproċessati u r-riċevituri ta' dik id-dejta;
- (f) il-limitu ta' żmien għaż-żamma tad-dejta fis-sistema mmuntata fil-vettura *jew, jekk dan mhux possibbli, il-kriterju użat biex jiġi determinat dan il-perjodu; fi kwalunkwe każ, id-dejta personali m'għandhiex tiġi proċessata għal żmien itwal milli meħtieġ għall-għan li għalih tkun ġiet proċessata;*
- (g) il-fatt li ma hemm l-ebda detezzjoni kostanti tal-vettura *meta tinqabeż il-ġabra tal-ammont minimu ta' dejta meħtieġ biex is-sistema eCall immuntata fil-vettura tiddetermina u tittrażmetti l-lok u d-direzzjoni tal-vjaġġ tal-vettura meta jkun qed jiġi rrapportat inċident kif ukoll il-fatt li kwalunkwe dejta ta' detezzjoni tinħażen fl-apparat sakemm dan ikun strettament neċessarju għal dan l-iskop;*
- (h) il-modalitajiet għall-eżerċizzju tad-

drittijiet ta' dawk interessati;

(i) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rigward l-ipproċessar ta' dejta personali b'rabta mal-forniment ta' servizz privat ta' eCall u/jew servizzi oħra ta' valur miżjud.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 9 li għandu jiddefinixxi **aktar ir-rekwiżit tan-nuqqas ta' traċċabbiltà u ta' detezzjoni u** t-teknoloġiji li jtejbju l-privatezza msemija fil-paragrafu 1 kif ukoll il-modalitajiet tal-ipproċessar ta' dejta privata u tal-informazzjoni tal-utent imsemija fil-paragrafu 3.

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

drittijiet ta' dawk interessati; **l-informazzjoni ta' kuntatt tal-kontrollur;**

(i) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rigward **it-traċċabbiltà u d-detezzjoni u** l-ipproċessar ta' dejta personali b'rabta mal-forniment ta' servizz privat ta' eCall u/jew servizzi oħra ta' valur miżjud, **li għandhom ikunu suġġetti għall-kunsens espliċitu tal-utent u b'konformità mad-Direttiva 95/46/KE. Attenzjoni partikolari għandha tingħata għall-fatt li jistgħu jeżistu differenzi bejn l-ipproċessar tad-dejta mwettaq permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura u s-sistemi privati ta' eCalls jew s-servizzi b'valur miżjud.**

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati b'konformità mal-Artikolu 9, **wara li tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta**, li għandu jiddefinixxi aktar ir-rekwiżit tan-nuqqas ta' traċċabbiltà u ta' detezzjoni u t-teknoloġiji li jtejbju l-privatezza msemija fil-paragrafu 1, **b'mod partikolari l-mod li bih jista' jinkiseb il-kunsens minn utent tal-eCall, kif l-identifikazzjoni tiegħu jew tagħha tista' tiġi żgurata jekk vettura tkun qed tintuża minn bosta persuni, il-miżuri ta' sigurtà li għandhom jiġu adottati mill-fornituri tas-servizzi tal-eCall biex jiżguraw ipproċessar legali tad-dejta u prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat, divulgazzjoni, tibdil jew telf tad-dejta personali**, kif ukoll il-modalitajiet tal-ipproċessar ta' dejta privata u tal-informazzjoni tal-utent imsemija fil-paragrafu 3.

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Barra minn hekk, il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar sistemi mmuntati fil-vetturi skont il-paragrafu 3 fid-dokumenti tekniċi tal-vettura. F'każ ta' xiri ta' vettura, il-manifattur jew r-rivenditur tal-vettura għandu jipprovdi lill-klijent b'din l-informazzjoni f'forma ta' skeda ta' informazzjoni bażika f'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem faċilment.

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Biex tiġi evitata konfużjoni fir-rigward tal-għanijiet mixtieqa u l-valur miżjud tal-ipproċessar, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandha tkun provduta lill-utent b'mod separat għas-sistema eCall u għas-sistemi eCall oħrajn qabel l-użu tas-sistema.

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4c. Il-manifatturi għandhom jiggarrantixxu li s-sistema eCall immuntata fil-vettura u sistema ta' sejħiet ta' emerġenza oħra installata u sistema li tipprovdi servizzi b'valur miżjud ikunu teknikament separati u li ma jkunx possibbli li jseħħ skambju ta' dejta personali. In-nuqqas ta' użu ta' sistema

oħra jew ta' sistema b'valur miżjud jew ir-rifjut tas-suġġett tad-dejta li jagħti l-kunsens biex isir l-ipproċessar tad-dejta personali tiegħu jew tagħha għal servizz privat m'għandux joħloq effetti avversi fuq l-użu tas-sistema eCall immuntata fil-vettura u/jew l-utent tal-eCall.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' teżenta ċerti vetturi jew klassijiet ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 mill-obbligu li jinstallaw is-sistemi eCall immuntati fil-vetturi stipulati fl-Artikolu 4, jekk wara l-analiżi tal-ispiża/tal-benefiċċju mwettqa jew meħtieġa mill-Kummissjoni, u wara li jitqiesu l-aspetti rilevanti kollha tas-sikurezza, l-applikazzjoni ta' dawn is-sistemi turi li ma tkunx xierqa għall-vettura jew għall-klassi ta' vetturi kkonċernati.

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista' teżenta ċerti vetturi jew klassijiet ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 mill-obbligu li jinstallaw is-sistemi eCall immuntati fil-vetturi stipulati fl-Artikolu 4, jekk wara l-analiżi tal-ispiża/tal-benefiċċju **u analiżi teknika** mwettqa jew meħtieġa mill-Kummissjoni, u wara li jitqiesu l-aspetti rilevanti kollha tas-sikurezza, l-applikazzjoni ta' dawn is-sistemi turi li ma tkunx xierqa għall-vettura jew għall-klassi ta' vetturi kkonċernati.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. **Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

Emenda

4. **Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li b'konformità ma' dan l-Artikolu tadotta atti delegati li jiddefinixxu aktar it-teknoloġiji li jtejbju l-privatezza msemmija fl-Artikolu 6(1) kif ukoll il-modalitajiet tal-ipproċessar ta' dejta privata u tal-informazzjoni tal-utent imsemmija fl-Artikolu 6(3).**

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att **iddelegat** adottat skont l-Artikolu 5(7), l-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 8(2), għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien **xahrejn** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

5. Att **delegat** adottat skont l-Artikolu 5(7), l-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 8(2), għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien **tliet xhur** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

L-atti delegati msemmija għandhom konsegwenzi sinifikanti fuq iċ-ċittadini. Għalhekk għandu jingħata perjodu itwal lill-Parlament u lill-Kunsill għal oġġezzjonijiet.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) ksur tad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Il-ksur kemm tad-dispożizzjonijiet dwar il-privatezza kif ukoll ta' dawk dwar il-protezzjoni tad-dejta għandu jiġi miegħu sanzjonijiet għall-manifattur.

PROĊEDURA

Titolu	Tnedija tal-użu tas-sistema eCall immuntata fil-vettura	
Referenzi	COM(2013)0316 – C7-0174/2013 – 2013/0165(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 1.7.2013	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 12.12.2013	
Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.1.2014	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Axel Voss 5.11.2013	
Eżami fil-kumitat	28.11.2013	30.1.2014
Data tal-adozzjoni	30.1.2014	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 –: 11 0: 4	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Edit Bauer, Rita Borsellino, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Salvatore Caronna, Philip Claeys, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Ioan Enciu, Frank Engel, Cornelia Ernst, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Svetoslav Hristov Malinov, Nuno Melo, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Renate Sommer, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Cecilia Wikström, Auke Zijlstra	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Cashman, Anna Maria Corazza Bildt, Cornelis de Jong, Mariya Gabriel, Stanimir Ilchev, Iliana Malinova Iotova, Ulrike Lunacek, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Hubert Pirker, Raül Romeva i Rueda, Joanna Senyszyn	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Zuzana Brzobohatá, Santiago Fisas Ayxela, Jens Geier, María Irigoyen Pérez, Evelyn Regner, Bart Staes, Tadeusz Zwiefka	